Min kienu l-appostli?

(l-ewwel parti)

L-imghallmin tal-ligi mosajka kienu jsejhulhom *Rabbini*. Gesu' Kristu kien wiehed minnhom, maghruf bhala r-*Rabbi ta' Nazaret*. Ir-rabbini kien ikollhom dixxipli li kienu jistudjaw it-taghlim taht il-gwida taghhom biex imbaghad ixandruh, jghallmuh lil haddiehor u jkunu ta' ezempju tajjeb ghal ta' madwarhom.

Bhar-rabbini ta' zmienu, Gesu' ukoll gabar madwaru dixxipli biex jghallimhom l-ligi moghtija minn Alla lil Mose', imma minghajr it-tahlit li kien zied il-bniedem mal-moghdija taz-zmien. Gesu' gie biex jipperfezzjona l-ligi t'Alla li hafna drabi kienet qed tinghata xejra umana. Biex wiehed jifhem naghtu ezempju: *Qallhom Gesu' "Tafu x'intqal ghajn ghal ghajn, sinna ghal sinna", izda Kristu ghallem li ma' proxxmu trid timxi kif tixtieq li haddiehor jimxi mieghek.*

Titlobx biex jarawk u jfahhruk ghax hlasek allura tkun diga' hadtu, imma it-talb tieghek ghandu jkun fil-privat biex Alla li jara fil-mohbi jroddlok.

Taghtix karita' biex jarak kulhadd izda qis li idek il-leminija ma tkunx taf x'inhi taghmel ix-xellugija. U Alla jroddlok dak li taghmel fis-satra.

Meta Gwanni l-Battista gharaf il-Messija huwa ndikah lil zewg dixxipli tieghu li dak il-hin inzertaw kienu mieghu. It-tnejn marru wara Kristu li laqaghhom fic-cirku ta' l-ewwel dixxipli tieghu. Wiehed minnhom kien jismu Indri. Indri mar qal lil huh Pietru. Dan ukoll zdied man-numru tad-dixxipli. Gesu' stieden lil Filippu minn Betsajda u dan accetta bil-ferha. Minn naha tieghu Filippu stieden lil Natanjiel u dan ukoll dahal jaghmel parti mill-grupp tad-dixxipli ta' Kristu. U hekk in-numru ta' dixxipli beda' kull ma jmur joktor.

Bihom kien jinqeda' biex ixandar il-messagg ta' paci u mhabba. Tant li darba baghat it-tnejn u sebghin dixxiplu, fi gruppi ta' tnejn tnejn, fl-irhula u ibliet li ried izur Gesu', biex ihejjulu t-triq.

Imma wasal iz-zmien li jaghzel tnax u jippreparhom ghal skop specjali ghaliex aktar 'l quddiem kellhom jmorru mad-dinja kollha jxandru l-bxara t-tajba. Lil dawn it-tnax-ir ragel specjali ried ihejjihom ghall-missjoni messjanika. Ghallimhom, imma mhux dejjem fehemuh. Il-messagg tieghu kellhom jifmhuh fit-totalita' tieghu meta jinzel l-Ispirtu Santu fuqhom. Kienu lejali lejh, qatt ma hallewh wahdu ghalkemm meta darba minnhom kellu bzonnhom dabbru rashom u hallew wahdu. Dan sehh fil-gnien taz-Zebbug meta gew biex jarrestaw lil Imghallem ta' Nazaret. Imma dawn it-tnax-ir ragel kienu ghadhom dghajfa fil-fidi. Aktar 'l quddiem mhux biss kienu ser jimbidlu f'nies kuraggjuzi u ma jibzghu minn hadd biex jistqarru l-isem ta' Gesu' izda kienu ser jaghtu hajjithom ghalih kif hu ta ghalihom u ghalina. Dan kollu bis-sahha ta' l-Ispirtu Santu. Lil dawn it-tnax Gesu' sejhilhom Appostli.

Ma kienux xi ghorrief tal-ligi jew kienu jokkupaw xi stat gholi fis-socjeta' . Erba' minnhom, Indri u huh Pietru flimkien ma' Gakbu u Gwanni kienu sajjieda. Iehor kellu xi ftit ta' l-iskola billi kien jigbor it-taxxi. Alla jhares lejn il-qlub mhux lejn l-ucuh.

Kienu kuntenti li jimxu wara Gesu' ghax fih sabu l-Verita'.

Dawn it-tnax appostlu mhux dejjem kellhom ragun.

Gesu' gie li kellu bzonn iwiddibhom.

Kollha harbu u hallew wahdu meta arrestawh fil-Gnien taz-Zebbug.

Ikoll hakimhom biza' kbir.

Pietru sahansitra nnega li jafu.

Guda ttradieh.

IMMA META GESU' QALILHOM LI KIEN WASAL IZ-ZMIEN LI JIBDEW DAK LI GHAZILHOM GHALIH DAWN:

Wettqu bicca xoghol ta' l-ghageb.

Ikoll wrew kuragg.

Ikoll wrew dedika.

Ahna ilkoll dghajfa imma Alla isahhana u jaghmilna qawwija.

IS-SIMBOLI U D-DATI TAT-TIFKIRA TAGHHOM

SAN PIETRU		29 TA' GUNJU
SANT' ANDRIJA		30 TA' NOVEMBRU
SAN BARTILMEW		24 TA' AWISSU
SAN GAKBU L-KBIR		25 TA' LULJU
SAN GAKBU Z-ZGHIR		3 TA' MEJJU

SAN GWANN		27 TA' DICEMBRU
SAN GUDA		28 TA' OTTUBRU
SAN MATTEW		21 TA' SETTEMBRU
SAN MATTIA		14 TA' MEJJU
SAN FILIPPU		3 TA' MEJJU
SAN XMUN		28 TA' OTTUBRU
SAN TUMAS		3 TA' LULJU